MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Mandat Numru. 779/2013/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 779/2013 fl-ismijiet:-**

**Inginier Jos. A Agius**

**vs**

**GO plc**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ipprezentat fis-27 ta' Mejju 2013.

Rat id-digriet tas-27 ta' Mejju 2013, fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh

ghat-8 ta' Gunju 2013 u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata tad-29 ta' Mejju 2013 fejn opponew ghat-talba;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2013, fejn meta ssejhet il-kawza deher ir-rikorrent assistit minn Dr. Chris Cilia u rapprezentant tas-socjeta' konvenuta GO p.l.c. assistit minn Dr. Andrew Borg Cardona.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Ir-rikors gie differit ghall-digriet *in camera*

**Ikkunsidrat**

B'dan il-mandat ir-rikorrent qed jitlob li s-socjeta' intimata tigi inibita milli tipprosegwi bi proceduri ta' dixxiplina fil-konfront tieghu quddiem Bord ta' Dixxiplina kompost kif stipulat bil-Ftehim Kollettiv iffirmat bejn il-*General Workers' Union* u s-socjeta' intimata ghall-haddiema tal-Go p.l.c. fis-sena 2007; kif ukoll milli tiehu jew tapplika fil-konfront tar-rikorrent kwalsiasi mizura dixxiplinarja ohra oltre dik tas-sospensjoni tieghu mix-xoghol pendenti is-smigh tal-procedura ta' dixxiplina, li dwar dan irriserva il-posizzjoni tieghu.

**Ikkonsidrat** li r-rikorrent qed jitlob il-hrug tal-mandat odjern abbazi ta' zewg lanjanzi u cioe`:-

1) Illi l-Ftehim Kollettiv applikabbli mhuwiex dak li gie applikat mis-socjeta' intimata meta hatret il-Bord tad-Dixxiplina peress li skont il-Ftehim Kollettiv li jghid li ghandu japplika ghall-kaz tieghu, c-*Chairman* ghandu jkun *legal practitioner*, mentri ic-Chairman attwalment maghzul, is-Sur Franco Masini, mhuwiex *a legal practitioner*; u

2) F'kull kaz mhuwiex ser jigi zgurat smigh xieraq mill-Bord kif kompost mhux minnhabba dubbju fl-integrita' tal-membri appuntati, izda minnhabba li l-allegata vittma hija *Human Resources Manager* fil-kumpanija u b'hekk

sinonima mal-kumpanija. *Inoltre,* huwa l-HR Manager, l-allegata vittma fil-kaz, li tahtar il-membri tal-Bord on *a case by case basis,* u ghalhekk jiddependu fuq il-volonta' tal-allegata vittma biex jergghu jinhatru fil-futur. *Di piu',* d-dokumenti tal-process, qed jigu ffirmati minn subaltern ta' din il-*Manager*. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Bord kif mahtur ma jiggarantixix is-smigh xieraq skont id-dettami tal-princjpju ta' dritt naturali li jghid *justice must not only be done but must also be seen to be done.*

Is-socjeta' intimata qed topponi ghall-hrug ta' dan il-mandat billi tikkontendi li l-Ftehim Kollettiv applikabbli ghall-kaz odjern huwa dak tas-sena 2007 iffirmat bejn il-Go plc u l-GWU. *Inoltre*, anke jekk wiehed kellu japplika il-Ftehim Kollettiv citat mir-rikorrent, ic-*chairman* appuntat tal-Bord tad-Dixxiplina ghandu il-kwalifika ta' prokuratur legali u huwa *Chairman* rispettat u ta' esperjenza tat-Tribunal Industrijali, u ma jistax, ghalhekk jitqies li mhuwiex *legal practitioner.*

Rigward it-tieni lanjanza, s-socjeta' intimata cahhdet li l-membri tal-Bord huma nominati mid-dipartiment tal-*Human Resources,* izda huma nominati mill-Bord tad-Diretturi u tghid li d-dixxiplina fuq il-post tax-xoghol hija funzjoni managerjali fejn il-process huwa wiehed intern. Tghid ukoll li s-socjeta' intimata hadet hsieb li tassigura li l-allegata vittma kienet kompletament estromessa mill-proceduri li ittiehdu kontra r-rikorrent, f'liema procedura hi ghandha biss il-funzjoni ta' xhud u ma kenitx involuta fil-hatra tal-membri tal-Bord.

Skont is-socjeta' intimata, wkoll, il-biza' sollevata mir-rikorrent dwar il-possibilita' ta' favoreggjament mill-membri tal-Bord sabiex jergghu jinhatru *ad futuram* ma tezistix peress li l-proceduri tad-dixxiplina skont Ftehim gdid, ser jigu kondotti internament mill-Kumpanija.

Gie rilevat li r-rikorrent kien sahansitra ssuggerixxa metodu ta' hatra alternattiva tal-Bord, izda dwar dan, is-socjeta' intimata ssottomettiet gustament li l-Kumpanija hija marbuta bil-Ftehim Kollettiv u mhuwiex possibbli ghaliha li tisvinkola ruhha mill-kondizzjonijet maqbula

b'dak il-Ftehim u tahtar il-membri tal-Bord bi procedura differenti.

**Id-Dritt**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Billi l-ligi tehtieg li r-rikorrenti jissodisfa zewg kriterji biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni:-

L-ewwel kriterju li jrid jissodisfa hu li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju;

It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg kriterji huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat. **(Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 – "Mary Borg vs Il-Kummissarju tal-Artijiet" –** P.A. (JRM) – 15 ta' Dicembru 2008; **"The Golden Shephard Group Limited vs Enemalta Corporation"** (P.A. (RCP) – 17 ta' Marzu 2009).

Premess ukoll li din hija mizura ta' natura eccezzjonali **("Grech proprio et nomine vs Manfre"** – A.C. – 14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290), b'dan li jkun hemm il-biza li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrent jintilef ghal dejjem. (**"40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita' tal-Ippjanar"** (P.A. (RCP) - 2 ta' Novembru 2010).

Inoltre il-kriterji stabbiliti huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta' l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Fil-kaz odjern, ir-rikorrent wera t-thassib tieghu li jekk il-proceduri jitkomplu quddiem il-Bord kif kompost, hemm periklu li ser isofri pregiudizzju li timpingi radikalment fuq il-hajja personali u lavorattiva tieghu u jkun impossibbli ghalih li jeghleb il-pregiudizzju li jkun issubixxa .Ikun difficli ghalih, jissottometti, li jeghleb l-effetti ta' decizjoni negattiva.

Din il-Qorti tifhem it-thassib tar-rikorrent. Akkuza ta' fastidju fuq il-post tax-xoghol hija akkuza gravi. Madanakollu is-serjeta' tal-akkuza ma tistax fiha nnifisha tinfluwixxi fuq il-Qorti biex twassalha li tiskarta il-kriterji cari stabbiliti mill-Ligi, liema kriterji jillimitaw restrittivament il-lenti li bihom il-Qorti ghandha thares lejn talbiet ghall-hrug ta' mandati simili, *cioe`*: l-irrimedjabbilta' tal-pregiudizzju soffert jekk il-mandat ma jintlahaqx u li r-rikorrent ghandu jedd *prima facie* li jaghmel it-talba tieghu.

Hu pacifiku *del resto* li l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.

Applikati il-principji legali ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis li l-opposizzjoni tas-socjeta' intimata hija misthoqqa. Il-komposizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina hija dettata minn Ftehim Kollettiv iffirmat bejn il-GO p.l.c. u l-General Workers' Union. Bejn il-ftehim li qed jigi applikat tas-sena 2007, u dak citat mir-rikorrent tas-sena 1996 konkluz bejn il-Korporazzjoni Telemalta u l-Union Inginiera

Professjonali, l-unika differenza hija li fil-Ftehim tas-sena 2007, mhux mehtieg li c-*Chairman* tal-Bord ikun *legal practitioner.* Dan il-punt li gie sollevat mir-rikorrent fil-konfront tas-Sur Franco Masini zgur ma jreggix ghaliex hadd ma jista' jichad li fil-kamp tal-Ligi Industrijali, ir-rwol tieghu bhala *Chairman* tat-Tribunal Industrijali fejn jezercita funzjoni legali, jissodisfa dan il-kwesit ampjament aparti li hu kwalifikat bhala prokuratur legali.

Il-lanjanza dwar l-allegat nuqqas ta' smigh xieraq derivanti mill-mod kif il-Bord inhatar hija iktar sensittiva. Il-Qorti taqbel li l-funzjoni dixxiplinarja hija essenzjalment funzjoni managerjali - anzi, dritt u anke obbligu li jinkombi fuq min imexxi azjenda li jhares id-drittijiet tal-impjegati u tal-azjenda permezz ta' mizuri dixxiplinari. Izda gjaladarba is-socjeta' intimata hija obbligata bil-Ftehim Kollettiv li tezercita din il-funzjoni *tramite* Bord tad-Dixxiplina imwaqqaf ghal dan il-ghan, u ma thallix id-decizjoni f'idejn Direttur jew *Manager* wahdu, (kif isir f'hafna azjendi) ghandha tassigura li l-proceduri jsiru sew, b'trasparenza u bl-osservanza tal-principji naturali tal- *audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propriam.* Bla dubbju r-rikorrent ghandu dritt anke *prime facie* biex jitlob li jitwaqqaf il-process kollu attwali jekk dawn il-principju mhumiex ser jitharsu. Hawnhekk il-Qorti tirrepeti wkoll l-enfasi li ghamel ir-rikorrent li hu mhu b'ebda mod jaghmel riflessjoni hazina fuq l-integrita tal-membri nominati, izda il-principji tal-gustizzja naturali jirrikjedu li l-gustizzja mhux biss issir, imma tidher li qed issir.

Madanakollu l-Qorti mhiex konvinta li l-process tan-nomina tal-membri tal-Bord tad-Dixxiplina, mertu ta' dan ir-rikors, ghandu jissolleva tali thassib anke fuq bazi *prima facie.* Id-Dipartiment tal-*Human Resources* ma kienx involut fl-ghazla tal-membri tal-Bord, anzi id-decizzjoni ttiehdet mil-Bord tad-Diretturi li hadu hsieb li jesternaw il-vittma allegata mill-process. Jirrizulta wkoll li lanqas hu possibbli ghall-*Manager* tal-*Human Resources* sabiex fil-futur testendi il-"karrotta" ta' hatriet ohra remunerattivi lill-membri nominati bhala incentiva biex jiddeciedu l-kaz kontra r-rikorrent ghal ragunijiet mhux misthoqqa.

**Ikkonsidrat ukoll** li skont il-Ftehim Kollettiv tas-sena 2007 li qed jigi applikat mis-socjeta' intimata, hemm obbligu car li jinkombi fuq il management tal-kumpanija li tassigura *a fair opportunity on both sides to present their case,* bil-jedd korrispettiv tar-rikorrent li jesigi l-osservazzjoni ta' dan l-obbligu mill-Bord u mill-*management*. Kemm il-Ftehim Kollettiv citat u anke l-gdid illum vigenti, imbaghad, jaghtu dritt ta' appell kontra decizjoni dixxiplinarja.

**Ikkonsidrat** li jekk is-socjeta' intimata tonqos mid-dmirijiet taghha li tassigura smigh xieraq, ir-rikorrent jiddisponi minn rimedji kemm naxxenti mil-Ligi Industrijali apart rimedji ohra generali, u hu gratuwitu u spekulattiv li jargumenta li ebda Tribunal mhu ser jeghleb id-decizjoni tal-Bord. Il-Qorti zgur ma tistax tiddeciedi abbazi ta' *ipotesi*.

Ir-rikorrent talab, *inoltre,* li s-socjeta` intimata tigi inibita milli tiehu jew tapplika fil-konfront tar-rikorrent kwalsiasi mizura dixxiplinarja ohra. Il-Qorti mhiex tal-fehma li wera dritt *prima facie* biex jiggustifika tali talba. Ma jirrizultalha ebda bazi ghaliex il-Qorti ghandha torbot idejn is-socjeta' intimata u zzommha milli tapplika dawk is-sanzjonijiet kontra r-rikorrent, anke pendenti l-proceduri, li jidhrilha li huma gustifikati skont il-kaz, biex izzomm id-dixxiplina u tipprotegi impjegati ohra, inkluza l-allegata vittma, purke' dawk is-sanzonijiet huma proporzjati, u skont il-Ligi u d-dettami tal-Ftehim Kollettiv applikabbli.

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet taghha tas-27 ta' Mejju 2013, **tichad it-talba** ghall-hrug tal-Mandat *de quo* peress li r-rikorrent ma ppruvax "*prima facie*" li ghandu l-jeddijiet minnu allegati.

L-ispejjez tal-Mandat jithallsu mir-rikorrent.

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------